**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Kump. Nru. 671/2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mark Cremona,**
**Spettur Ian Vella)**

**vs**

**Temesghen Teclehaimanot Keleta**
**(Detentur tal-Karta tal-Identita` Olandiża VV214PCP5)**

**Illum, 28 ta' Ġunju 2023**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Temesghen Teclehaimanot Keleta** ta' 24 sena, iben Tekelhegmant, imwieled l-Eritrea nhar il-5 ta' Jannar 1998, mingħajr residenza, detentur tal-karta tal-identita` Olandiża VV214PCP5;

Akkużat talli fil-15 ta' Novembru 2022 għall-ħabta tal-11:02 hrs ġewwa Triq Qrejten, Pieta`:

1. Kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku u aktar talli għad li kien xurban, qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indiċenti, jew għamel atti jew ġesti oxxeni, jew b'xi mod ieħor offenda l-morali, l-imġieba xierqa jew id-diċenza pubblika, dan bi ksur tal-Artikolu 338(bb) u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. U aktar talli rreżista bi vjolenza jew ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika fil-konfront ta' PC 911 Sephora Attard, persuna inkarigata skont il-

liġi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienet qegħda taġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta’ ordni mogħtija skont il-liġi mill-awtorita` kompetenti, dan bi ksur tal-Artikolu 96(a) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

3. U aktar talli mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta’ PC 911 Sephora Attard fil-perikolu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, hekk kif ġie ċċertifikat mit-tabib Robert Patiniott (MED 1860) u dan bi ksur tal-Artikoli 214, 215 u 221 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

4. U aktar talli inġurja jew hedded jew għamel offiża fuq PC 911 Sephora Attard, persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienet tagħmel jew minħabba li tkun għamlet dan is-servizz jew bi ħsieb li jbeżżagħha jew li jinfluwixxi fuqha kontra l-liġi fl-eżekuzzjoni ta’ dak is-servizz u dan bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta’ spejjeż li jkollhom x’jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti;

Semgħet lill-imputat jirreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu fl-udjenza tas-16 ta’ Novembru 2022, liema ammissjoni huwa kkonfermaha u dan wara li l-Qorti, ai termini tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, avżatu bil-konsegwenzi legali ta’ din l-ammissjoni u kkonċedietlu żmien biżżejjed sabiex jerġa’ jaħsibha u jerġa’ lura minnha;

Semgħet ukoll lill-istess imputat jerġa` jikkonferma l-ammissjoni għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu fl-udjenza tad-19 ta’ Ġunju 2023, u dan wara illi għal darb’oħra, il-Qorti reġgħet spjegatlu l-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu u kkonċedietlu ħin suffiċjenti sabiex jerġa’ jaħsibha u jirtiraha.

Semgħet trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu, u dan fil-presenza tal-avukat difensur tiegħu, il-Qorti ma tistax ħlief issibu ħati tal-istess imputazzjonijiet.

Għall-fini ta' piena, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni min-naħa l-waħda n-natura serja tar-reati odjerni u ċ-ċirkostanzi tal-każ, kif ukoll min-naħa l-oħra l-fedina penali tal-imputat li hija waħda netta (b'dan illi l-Qorti qed tqis ukoll illi huwa kienu ilu Malta biss għal ftit xhur fiż-żmien tar-reati odjerni) u l-ammissjoni bikrija tiegħu f'dawn il-proċeduri. Qed tqis in oltre illi l-Prosekuzzjoni m'hijiex tinsisti għal iżjed minn piena fil-minimu.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 95, 96(a), 214, 215, 221(1), 338(bb) u 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat **Temesghen Teclehaimanot Keleta** ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għall-piena ta' tmien (8) xhur priġunerija effettiva, mil-liema għandu jitnaqqas iż-żmien li huwa nżamm taħt arrest preventiv in konnessjoni mal-każ odjern u multa ta' erbat elef ewro (€4,000).

Ai termini tal-Artikolu 392Ċ u 533 tal-Kodiċi Kriminali, tordna lill-ħati sabiex iħallas l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-espert il-Psikjatra Dr. Hector Cutajar, u dan in kwantu x-xogħol illi huwa laħaq wettaq qabel ġie revokat l-inkarigu lilu mogħti, l-ammont ta' liema spejjeż għandu jiġi stabbilit mir-Reġistratur hekk kif l-istess espert jintaxxa x-xogħol tiegħu.

Ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali, tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali tingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Natasha Galea Sciberras**
**Maġistrat**

**Oriana Deguara**
**Deputat Reġistratur**